MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 149/2006/1

**Business Marketing Services Limited**

**vs**

**VISET Malta p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Marzu, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Mejju, 2006 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma ta' tlett elef tlett mija tnejn u hamsin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm3,352,10) jew somma verjuri, rapprezentanti danni li gew sofferti mis-socjeta' attrici bhala rizultat tat-terminazzjoni unilaterali u

minghajr gustifikazzjoni valida ta’ inkarigu moghti minnhom lill-istess socjeta’ attrici konsistenti fil-pubblikazzjoni ta’ zewg brochures maghrufa bhala “Welcome Brochure” u “Valletta Highlights”. Is-socjeta’ attrici qed titlob ukoll l-imghax mid-data tat-terminazzjoni ta’ l-inkarigu sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

Nonostante li gew interpellati jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni nkluz permezz ta’ ittra ufficjali datata 9 ta’ Lulju 2004 (Dok A) u fax datata 23 ta’ Mejju 2006 (Dok B) huma baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 9 ta’ Lulju 2004 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta pprezentata fl-4 t’Awissu 2006 fejn esponiet:

1. Illi s-socjeta’ esponenti ma kkawzat ebda danni lis-socjeta’ rikorrenti stante li kienet din l-ahhar socjeta’ li qatt ma rnexxielha tittermina l-inkarigu moghti lilha u *in oltre* stante li n-natura tar-relazzjoni ta’ bejn ir-rikorrenti u l-esponenti ma kienetx tali li tista’ twassal ghall-ikkawzar ta’ danni mill-esponenti lir-rikorrenti.

2. Illi in oltre, u minghajr pregudizzju s-socjeta’ rikorrenti trid tipprova li kienet is-socjeta’ intimata li kkawzat id-danni li allegatament garrbet l-istess socjeta’ rikorrenti li in oltre trid tipprova wkoll l-istess danni;

3. Salv risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

F’din il-kawza s-socjeta’ attrici qieghda titlob lill-Qorti li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallas ammont ta’ danni wara li s-socjeta’ konvenuta arbitrarjament waqqfet appalt li kienet tat lis-socjeta’ attrici sabiex dina tipproduci *vouchers* biex jitqassmu lill-passiggieri li jigu Malta fuq il-*cruise liners.*

Ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici Lorenzo Mule Stagno xehed (fol 19) illi huwa kellu relazzjoni kummercjali mas-socjeta’ konvenuta u fl-2003 kienet tqabbdet sabiex tipproduci *brochures* bl-Ingliz u bl-Ispanjol sabiex jitqassmu lill-passiggieri li jigu fuq il-*cruise liners*. Ix-xoghol sar u f’Novembru 2003 sar il-hlas. Fil-frattemp is-socjeta’ konvenuta qabbdet lis-socjeta’ attrici sabiex tipprepara *brochure* iehor maghruf bhala *“Welcome Brochure”* li kellu jigi stampat f’hames lingwi u kellu jsir wkoll stampar mill-gdid tal-*“Valletta Highlights”* illi kien originarjament gie stampat mis-socjeta’ attrici u din id-darba bil-lingwa Taljana, Franciza u Germaniza. Dan l-appalt jidher illi nghata ghal habta ta’ Ottubru 2003. Is-socjeta’ attrici accettat dan l-appalt. Il-ftehim kien illi s-socjeta’ attrici kellha tfittex u ggib *sponsors* sabiex jirreklamaw fuq il-*brochure*. Il-profitti li taqla’ minn dan l-isponsorship kellha zzommhom hi.

Lorenzo Mule Stagno a fol 99 ighid testwalment *“skond l-agreement li kellna mal-VISET kwalunkwe telf jew profitt li stajt naghmel minn din l-operazzjoni nsofrieh jew ingawdieh jien”.* Ghalhekk kien fl-interess tas-socjeta’ attrici li iktar ma jkollha reklami jew *sponsors*, iktar kienet se taghmel profitt minn din l-operazzjoni. Ghal dak li huwa t-terminu meta kellu jigi kkonsenjat il-

prodott il-partijiet kienu ftiehmu li dan kellu jinghata lis-socjeta’ konvenuta mal-bidu ta’ l-istagun tal-*cruise liners* tal-2004. Jidher pero’ li ma kienx car bejniethom meta ezatt kellu jibda dan l-istagun. Filwaqt illi l-VISET kienet qed tippretendi li dan l-istagun jibda fil-bidu ta’ Marzu, jidher illi Lorenzo Mule Stagno ma hax din l-impressjoni u baqa’ jippretendi li x-xoghol kellu jkun lest sa l-ahhar ta’ Marzu. Fil-fatt a fol 96 ighid *“verbalment konna ftiehmna li l-prodott kellu jkun lest sa l-ahhar ta’ Marzu jew bidu ta’ April meta jibda l-istagun tal-cruise liners.”* Mentri Charles Mizzi ghas-socjeta’ konvenuta kif ukoll Stephen Xuereb il-*financial controller* tal-VISET kienu qeghdin jinsistu li l-istagun jibda fil-bidu ta’ Marzu (fol 105/107). Hi x’inhi pero’ zgur illi l-inkarigu gie moghti lis-socjeta’ attrici ghal habta ta’ Ottubru/Novembru tal-2003 u bejn dan ix-xahar u Dicembru ta’ l-istess sena jidher illi kien hemm hafna korrispondenza u kuntatti bejn Lorenzo Mule Stagno u Charles Mizzi. Dan ta’ l-ahhar ighid testwalment *“bejn Novembru u Dicembru kellna kuntatti mas-socjeta’ attrici kwazi kulljum u kont nishaq maghhom dwar l-importanza u l-urgenza li jkollna dawn il-brochures sa Marzu.”*

Jidher pero’ illi s-socjeta’ attrici damet sakemm hadet l-inizjattivi sabiex tfittex ghall-isponsorships ghar-reklami. Fi kliem Lorenzo Mule Stagno (fol 20 u fol 115) *“minkejja li jiena bghatt kwantita’ kbira ta’ emails ... sa l-ahhar ta’ Frar ma kienx ghad kelli konferma illi xi hadd minn dawn kien sejjer jirreklama....”* Ukoll *“l-ewwel emails ghar-reklami baghthom ghall-ahhar ta’ Jannar.”* Irrizulta illi sa l-ahhar ta’ Frar kellu biss zewg reklami li kienu jiswew elfejn lira izda ppretenda aktar reklami u baqa’ jittituba jibghatx il-prodott ghall-istampar peress illi haseb li kellu aktar zmien. Pero’ dana ma kienx l-intendiment tas-socjeta’ konvenuta illi meta rat li wasal Frar u ma kienx hemm *a firm commitment* ta’ *sponsorships* u li l-*brochures* baqghu ma ntbaghtux ghall-istampar

bezghu bir-ragun, illi meta jigi Marzu ma kienx ser ikollhom il-prodott f'idejhom.

L-ewwel komunikazzjoni tas-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici illi turi certa preokkupazzjoni kienet dik mibghuta fil-5 ta' Frar 2004 (fol 46) fejn is-socjeta' konvenuta qieghda ssaqsi jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sur Mule Stagno jwiegeb testwalment "*not much has happened in the meantime. We are waiting for Vodafone to confirm whether they want to be in the Valletta Brochure or not..."* Is-socjeta' konvenuta tirrispondi u tghid fost affarijiet ohra illi *"we would like to have these leaflets especially the Valletta one in print during this month..."* Ghalhekk is-socjeta' attrici kienet taf illi z-zmien kien qieghed jaghfas u ma kellha xejn f'idejha sabiex toffri lis-socjeta' konvenuta u sserhilha mohha illi l-prodott kien ser ikun ghandha f'Marzu 2004.

Ghal darb'ohra fit-23 ta' Frar 2004 is-Sur Mizzi baghat email lil Mule Stagno (fol 48) jistaqsi ghal zviluppi, izda fil-Qorti is-Sur Mule Stagno jghid testwalment *"ma kienx possibbli illi jiena naghti l-printing sa l-ahhar ta' Frar.... Nista' nikkonferma illi sal-25 ta' Frar ma kontx ghadni bghatt il-materjal ghall-istampar."* Din is-sitwazzjoni verament ippreokkupat lis-socjeta' konvenuta u meta dina rrealizzat li wasal l-ahhar ta' Frar u ma kienx hemm *firm commitments* ghall-isponsorships, il-*brochur*e ma kienx ghadu ttiehed ghall-istampar, kien hemm *translations* li kienu ghadhom ma sarux, allura b'konsultazzjoni mas-superjuri tieghu Charles Mizzi baghat email fis-26 ta' Frar 2004 (fol 49) fejn dana ta struzzjonijiet lis-socjeta' attrici illi ma tkomplix ghaddejja bl-inkarigu illi kienet originarjament moghtija. Is-Sur Mule Stagno pprova jikkomunika mad-dirigenti tas-socjeta' konvenuta, izda ma rnexxielhux sakemm fl-ahhar iddecieda li jistitwixxi din il-kawza ghad-danni li huwa sofra bl-irtirar arbitrarju tal-inkarigu li kien originarjament moghti. Fl-affidavit tieghu a fol 20

jaghti spjegazzjoni ta' kif wasal ghac-cifra tad-danni u ghaliex.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi l-Qorti ssib illi l-iktar fattur importanti fir-relazzjonijiet kummercjali illi kien hemm bejn il-partijiet kien dak taz-zmien. Ghas-socjeta' konvenuta kienet importanti illi l-*brochures* ikunu f'idejha sal-bidu ta' Marzu tal-2004 u ta' dan is-socjeta' attrici kienet ben saputa. Jidher pero' illi nhela hafna zmien fit-tfittxija ghal *sponsorships* ghar-reklami. Dan is-socjeta' attrici kellha dritt taghmlu u kien fl-interess taghha li taghmlu peress li minnhom kienet ser taghmel il-qliegh taghha. Pero' dan sar a skapitu tal-ftehim illi gie milhuq mas-socjeta' konvenuta illi l-*brochures* ikunu lesti sa Marzu. Is-Sur Mule Stagno interpreta dan it-terminu sa l-ahhar tax-xahar u b'hekk haseb li akkwista aktar zmien, pero' dan ma kellu l-ebda dritt jaghmlu meta huwa kien jaf illi s-socjeta' konvenuta kienet qed tippretendi l-*brochures* sal-bidu ta' Marzu.

Charles Mizzi ghamilha cara ma' Mule Stagno illi dan kien il-kaz, izda minkejja illi Mule Stagno kien jaf illi mhux facli li ggib l-isponsors u dan jirrikjedi hafna zmien, halla ghall-Jannar sabiex beda bit-tfittxija tieghu ghall-isponsors, dan meta kien jaf li l-inkarigu kien gie moghti lilu originarjament f'Ottubru jew Novembru tal-2003. Ma kienx ghaqli ghal Mule Stagno illi jhalli dawk l-ewwel xhur ghaddejja minghajr ma jfittex ghall-isponsors u mhix skuza illi jghid l-ispecifications gew moghti lilu f'Jannar. Dana setghu gew moghtija lilu dak iz-zmien pero' b'daqshekk ma jfissirx li ma setghax kellu f'idejh diga' ammont ta' *sponsors* li kienu se jkunu disposti illi jirreklamaw fil-*brochure* li kien se jkun prodott minnu. Ghalhekk, hemm element ta' traskuragni da parti ta' Mule Stagno illi huwa ma hasibx mall-ewwel meta kien jaf b'dawn id-diffikultajiet. Jekk kellu xi dubju dwar meta kellu

jikkonsenja l-merkanzija, jekk hux fl-ahhar ta' Marzu jew fil-bidu, allura l-prudenza tiddetta illi kellu jiehu hsieb ghall-aqsar terminu u jaccerta ruhu illi kollox kellu jkun lest sal-bidu ta' Marzu, izda fi kliemu stess sa l-ahhar ta' Frar ma kien ghad kellu xejn. Ghalhekk il-Qorti ssib li s-socjeta' konvenuta bir-ragun baghtet email tas-26 ta' Frar 2004 (fol 49) u tterminat l-inkarigu moghti.

Il-Qorti ssib illi s-socjeta' attrici naqset milli tesewgixxi l-inkarigu moghti lilha fi zmien stipulat, zmien li ghas-socjeta' konvenuta kien wiehed fatali peress li ma ridietx titlef l-opportunita' illi tipprovdi lill-passiggieri tal-*cruise liners* bl-informazzjoni li kien ikollhom bzonn ghall-mawra taghhom fil-pajjiz. Ghalhekk is-socjeta' attrici naqset milli twettaq l-obbligu taghha illi tikkonsenja l-merkanzija fi zmien stipulat u dan kien jintitola lis-socjeta' konvenuta illi tittermina unilateraltment l-inkarigu lilha moghti u tissalvagwardja d-drittijiet taghha.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax li s-socjeta' attrici ghandha tkun intitolata ghad-danni taht il-principju tad-dritt Ruman illi *"nullus commodum caper et potest dei inguria sua propria."*

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha. **"**

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` attrici bl-aggravju generali illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u waslet ghall-konkluzjoni zbaljata. In sostanza, hi tikkontendi illi dik il-Qorti kienet errata dwar il-fattur zmien ta' meta assumiet l-inkarigu lilha moghti u dak taz-zmien meta kellu jitlesta x-xoghol u ssir il-konsenja tal-*brochures*. Bl-ahhar argoment is-socjeta` attrici tissottometti wkoll, bir-rikorrenza li taghmel ghall-Artikolu 1385 tal-Kodici Civili, illi la hi *qua* venditrici ma kellhiex tort

fid-dewmien tal-kunsinna s-socjeta` konvenuta ma kellhiex dritt tholl il-kuntratt u hi kellha allura kull jedd tirreklama d-danni;

Is-socjeta` attrici appellanti qed titlob id-danni ghaliex, skond hi, l-ordinazzjoni, konsistenti fil-pubblikazzjoni ta' zewg *brochures*, giet mis-socjeta` konvenuta mitmuma b'mod unilaterali u bla ebda gustifikazzjoni. Ma' dan l-assunt l-ewwel Qorti ma qabletx ghall-motiv li s-socjeta` appellanti ma rrispettatx il-fattur zmien ghal konsenja ta' l-istess *brochures*;

Il-fatti huma sew imtennija fis-sentenza appellata u, allura, il-Qorti ma tarax in-necessita li toqghod tirreplika d-dettalji taghhom jekk mhux biex tirregistra dawn il-ftit konstatazzjonijiet li jemergu mill-istess fatti processwali:-

(1) Essenzjalment, id-diskussjonijiet negozjali bejn il-partijiet kellhom il-bidu taghhom fil-harifa tas-sena 2003 bis-socjeta` konvenuta tipjazza l-ordinazzjoni f'Novembru ta' dik is-sena ghall-iprocessar u stampar ta' *brochures*. Ara xhieda ta' Charles Mizzi ghas-socjeta` konvenuta (fol. 92 u, in partikulari, a fol. 108);

(2) Jinghad minn Lorenzo Mule Stagno, rapprezentanti tas-socjeta` attrici illi x-xohgol ma setax jinbeda qabel Jannar 2004 ghaliex kien f'dan iz-zmien li gew decizi l-i*specifications* tal-prodott. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 96;

(3) L-iprocessar tal-*brochures* kien jirrikjedi s-sostenn ta' *sponsorships* permezz ta' appoziti reklami. Jinghad mix-xhud Stagno (fol. 166) illi l-ewwel *e-mails* ghal dawn ir-reklami baghthom fl-ahhar ta' Jannar, 2004. L-istess xhud fisser ukoll illi ghal dan l-iskop kien hemm hafna xoghol x'isir biex ikollu "*firm committment*" ghar-reklamar;

(4) Tezisti divergenza dwar iz-zmien li fihom kellhom jigu konsenjati l-*brochures*. Ix-xhud Charles Mizzi

jghid li l-konsenja kellha ssir ghal bidu ta’ Marzu ko-incidenti mal-bidu ta’ l-istagun tal-Cruise Liners (fol. 92). Dan hu negat mix-xhud Stagno (fol. 116) li invece jsostni li s-socjeta` konvenuta qaltlu li riedithom f’April, anke ghaliex it-traffiku tal-Cruise Liners kellu l-bidu tieghu f’dan ix-xahar. Dejjem skond dan ix-xhud, “verbalment ftehmna li l-prodott ikun lest fl-ahhar ta’ Marzu jew il-bidu ta’ April” (fol. 100);

(5) Skond *e-mail* datat 5 ta’ Frar, 2004 (fol. 46) Charles Mizzi baghat jinforma lill-imsemmi Stagno li l-*brochures* riedu jkunu “*in print during this month*”. Minn naha tieghu Stagno jispjega illi billi l-*printing* kien jimporta process ta’ gimghatejn huwa kellu zmien disponibbli biex jsib aktar *sponsorships* u b’hekk jakkwista aktar flus (ara xhieda tieghu a fol. 117);

(6) Meta avvicina l-ahhar ta’ Frar, 2004 u l-kumpanija konvenuta rrealizzat li mhux ser ikollha l-*brochures* ghad-disposizzjoni taghha hi baghtet tavza lis-socjeta` attrici “*to hold all work connected with the printing of the brochures*”. Ara *e-mail* datata 26 ta’ Frar, 2004 a fol. 49;

Premessi dawn il-fatti fil-qosor, ma jistax ikun negat illi l-fattur zmien kien fir-rapport negozjali bejn il-kontendenti ta’ essenza vitali in kwantu mahsub biex jassolvi dik il-funzjoni fondamentali tal-prestazzjoni assunta mis-socjeta` attrici. Dan ghaliex fejn il-partijiet ikunu ftehmu fuq zmien dan hu hekk meqjus bhala element importanti ghall-adempiment ta’ l-obbligazzjoni li titnissel mill-kuntratt. Ara r-regoli rigwardanti z-zmien ghall-adempiment ta’ l-obbligazzjonijiet fl-Artikolu 1070 *et sequitur* tal-Kodici Civili. Hu, infatti, ritenut “*che il termine anche quando non è essenziale per la natura del contratto è pur sempre una delle condizioni più importanti per la fissazione del vincolo contrattuale*” (“**Andrew Scicluna -vs- Giorgio J. Turnbull *nomine***”, Appell Kummercjali, 11 ta’ Frar, 1921, kif ripetut b’approvazzjoni fid-decizjoni ta’ l-istess Qorti tas-7 ta’ April, 1986 in re: “**Silvio Mifsud *et nomine* -vs- Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**”);

Minn dawn il-principji applikati ghal kaz in ispecje ghandha tingibed il-konkluzjoni illi l-obbligazzjoni li twieldet fil-gurnata tal-ftehim (Novembru 2003) kellha b'puntwalita` tkun ezegwita sat-terminu appattwit bejn il-partijiet kontraenti. Jekk dan it-terminu kienx dak tal-bidu ta' Marzu, 2004 kif sottomess mis-socjeta` appellata, jew dak ta' April, 2004, kif kontez mis-socjeta` appellanti, jiddependi eskluzivament mill-valutazzjoni tar-rizultanzi probatorji;

Ghall-ewwel Qorti, wisq korrettement fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti fuq l-analisi taghha tal-kumpless tal-provi, is-socjeta` attrici kkontravveniet l-patt taz-zmien prefiss li tikkonsenja l-*brochures* sal-bidu ta' Marzu 2004 u b'hekk giet li ma ssodisfatx l-oggett ta' l-obbligazzjoni taghha sottoposta ghal dak it-terminu. Wisq sewwa wkoll irragunat dik l-istess Qorti illi r-rapprezentanti tas-socjeta` appellanti kellu sa minn Novembru 2003 jattiva ruhu biex ikollu finalizzati l-i*sponsors* ankorke l-i*specifications* gew lilu moghtija f'Jannar 2004. Dan kien hekk lilu dettat minn dik il-prudenza u l-bon ses li jridu li ma jkunx hemm dewmien ingustifikat fl-ezekuzzjoni tal-prestazzjoni assunta, u dan b'mod enfatiku fit-traffiku kummercjali;

Maghdud dan, b'konferma tal-hsieb tal-Qorti ta' prim' istanza, din il-Qorti ma tarax f'hiex jiccentra ghall-kaz d-dispost ta' l-Artikolu 1385 tal-Kodici Civili taht l-istitut tal-bejgh. Il-kontrattazzjoni *de qua* ghandha minn natura ta' *locatio operis* kif dan il-kuntratt hu mfisser fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Ma kienetx sempliciment obbigazzjoni "*di dare*" karatterizzanti tal-bejgh izda ta' prestazzjoni ghall-produzzjoni ta' opra rientranti fl-attivita` normali produttiva tas-socjeta` appellanti u fejn ix-xoghol kien l-iskop essenzjali tan-negozju;

Ankorke` din il-Qorti kellha tikkonsidra l-materja mill-perspettiva ta’ l-Artikolu 1385 predett, hi gurisprudenza li “*il compratore, sebbene non possa valersi della risoluzione ‘ipso jure’, puo dedurre in giudizio tale diritto per via di azione o di eccezione*’ (“**Negte Joseph Caruana *nomine* -vs- Commerciante Joseph Ellul**”, Qorti tal-Kummerc, 10 ta’ Marzu, 1927). Sew din id-decizjoni kif ukoll dik l-ohra qabilha fl-ismijiet “**Giuseppe di Tommaso Demajo -vs- Giovanni Grech**”, Appell Kummercjali, 19 ta’ Mejju, 1911, jiehdu b’bazi ghal fini tal-premess spunt mill-provvediment ta’ l-Artikolu 1226 tal-Kodici Civili. Fil-kaz *de quo* imbaghad hemm agguntivament il-fatt accertat illi d-dewmien gie kkagonat mis-socjeta` appellanti nnifisha u, allura, is-socjeta` appellanti lanqas setghet tikkampa ruhha fuq il-precitat artikolu tal-Kodici.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti tirrigetta l-appell interpost mis-socjeta` attrici appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------